

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1064**tat-28 ta' Ġunju 2021****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/520 fir-rigward tal-konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimali għat-traċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmisibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 120(1) u l-punti (c), (d) u (f) tal-Artikolu 120(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali li huwa trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin. Il-Kapitoli 1 u 2 tat-Titolu I tal-Parti IV ta' dak ir-Regolament jipprevedu r-regoli għall-istabbiliment li jżommu l-annimali terrestri u l-imfaqas, u għat-traċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis fl-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2016/429 jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta r-regoli li jissupplimentaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' dak ir-Regolament permezz ta' atti delegati.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 ⁽²⁾ jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 billi jipprovdi r-regoli għal stabbiliment rreġistrati u approvati għal annimali terrestri miżmuma u għal bajd għat-tifqis, u għat-traċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis. Il-Parti III ta' dak ir-Regolament Delegat tinkludi regoli għat-traċċabbiltà tal-annimali terrestri miżmuma, u b'mod aktar speċifiku t-Titolu I u II tal-Parti III, jistabbilixxu regoli għat-traċċabbiltà tal-annimali bovini, ovini u kaprini miżmuma.
- (3) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi fl-Unjoni tar-regoli dwar it-traċċabbiltà stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429 u fir-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, ir-regoli ta' implimentazzjoni dwar it-traċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma huma stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2021/520 ⁽³⁾.
- (4) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Ftehim dwar il-Ħruġ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-Regolament (UE) 2016/429, kif ukoll l-atti tal-Kummissjoni bbażati fuqu, japplikaw għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ. Konsegwentement, ir-regoli stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/520 japplikaw fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jixraq li ssir referenza għall-Ftehim dwar il-Ħruġ fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
- (5) Barra minn hekk, il-punt (a) tal-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/520 jistabbilixxi regoli għall-konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimali bovini, ovini, kaprini, kamelidi u ċervidi miżmuma. L-ewwel element tal-kodiċi ta' identifikazzjoni huwa l-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru fejn il-mezz ta' identifikazzjoni ġie applikat għall-ewwel darba għall-annimali, fil-format jew ta' kodiċi b'żewġ ittri f'konformità mal-istandard 3166-1 alpha-2 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO), ħliet għall-Greċja, li għaliha għandu jintuża l-kodiċi b'żewġ ittri "EL", jew il-kodiċi tal-pajjiż bi tliet ċifri f'konformità mal-

⁽¹⁾ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 tat-28 ta' Ġunju 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli għall-istabbiliment li jżommu l-annimali terrestri u l-imfaqas, u t-traċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 115).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/520 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-traċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma (ĠU L 104, 25.3.2021, p. 39).

istandard ISO 3166–1 numeriku. Billi ma hemm l-ebda subdiviżjoni għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq fl-istandards ISO msemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2021/520, jenħtieġ li dak ir-Regolament jiġi emendat sabiex jistabbilixxi liema kodiċi tal-pajjiż għandu jkun l-ewwel element tal-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimali bovini, ovini, kaprini, kamelidi u ċervidi miżmuma identifikati f'dak ir-reġjun tar-Renju Unit.

- (6) L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2020/1470⁽⁴⁾ jistabbilixxi n-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-Istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija, u jistipula li "XI" huwa l-kodiċi b'żewġ ittri li għandu jintuża jekk ikun hemm bżonn li r-Renju Uniti jiġi distint fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dak il-kodiċi jissewma fl-Artikolu 12(a)(i) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/520 għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.
- (7) Barra minn hekk, kodiċi bi tliet ċifri korrispondenti ma ġiex definit għall-użu meta jkun hemm bżonn li r-Renju Uniti jiġi distint fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Il-kodiċi bi tliet ċifri "899" mhuwiex assenjat fl-istandard ISO 3166–1 numeriku. Għalhekk jenħtieġ li dak il-kodiċi jissewma fl-Artikolu 12(a)(ii) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/520 għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/520 jiġi emendat skont dan.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/520 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-Istati Membri (*) dwar:

(*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għall-Istati Membri jew għall-Unjoni jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.;"

- (2) fl-Artikolu 12, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-ewwel element tal-kodiċi ta' identifikazzjoni għandu jkun il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru fejn il-mezz ta' identifikazzjoni jkun ġie applikat għall-ewwel darba għall-annimali, fil-format ta':

- (i) il-kodiċi b'żewġ ittri f'konformità mal-istandard ISO 3166–1 alpha–2, ħlief għall-Greċja, li għaliha għandu jintuża l-kodiċi b'żewġ ittri "EL", u għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, li għaliha għandu jintuża l-kodiċi b'żewġ ittri "XI"; jew
- (ii) il-kodiċi tal-pajjiż bi tliet ċifri f'konformità mal-istandard ISO 3166–1 numeriku, ħlief għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, li għalih għandu jintuża "899";".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1470 tat-12 ta' Ottubru 2020 dwar in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija u dwar it-tqassim ġeografiku għal statistika oħra tan-negozju (ĠU L 334, 13.10.2020, p. 2).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN
